MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 814/14LM

**Dr Shaheryar Ghaznavi (K.I. Numru 219698 M) fil-kapacità tiegħu ta' prokuratur speċjali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja**

***vs.***

**Dr Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2014 ġew appuntati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi magħruf ukoll bħala Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi, li hu magħruf ukoll bħala Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi li hu magħruf ukoll bħala Dr. Muatasimballah Abumi, detentur tal-Passaport Libjan bin-numru B/001897 u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2015 l-Avukat Charilos Oikonomopoulos (K.I. Griega X029041) assuma l-atti ta' dawn il-proċeduri fil-kapaċità tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed (K.I. tal-Oman 9866491) bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, u limitatament safejn kienu qegħdin jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmija Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, il-ħatra tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut ġiet revokata *contrario imperio***

**u**

**Capital Resources Limited (C 50047) għal kwalsiasi interess li għandha jew li jista' jkollha fil-proċeduri odjerni u b'nota tal-20 ta' Marzu, 2015 Dr Charilos Oikonomopoulos assuma l-atti ta' dawn il-proċeduri bħala kuratur deputat biex jirrappreżenta lil Capital Resources Limited (C 50047)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Avukat Shaheryar Ghaznavi fil-kapacità tiegħu ta' prokuratur speċjali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fis-17 ta' Settembru, 2014, li jgħid kif ġej:

1. *Illi, fis-sena elfejn u tnax (2012) il-Gvern tal-Istat tal-Libja, wettaq eżerċizzju sabiex jidentifika u jirkupra fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li kienu ġew miksuba abbużivament jew li kienu qegħdin jiġu miżmuma abbużivament minn persuni li kienu assoċjati direttament jew indirettament mat-tmexxija tal-ex reġim Libjan;*
2. *Illi l-Gvern tal-Istat tal-Libja ta struzzjonijiet lill-Avukat Ġenerali tal-Istat tal-Libja sabiex jikkopera ma' Awtoritajiet Ġudizzjarji barranin sabiex jidentifika tali fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi, u dan ai termini tal-Mutual Legal Assistance Treaties on Criminal Matters (MLAT);*
3. *Illi l-Gvern tal-Istat tal-Libja ta s-setgħa lill-Kap tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja sabiex ikun jista' jistitwixxi dawk l-azzjonijiet neċessarji f'ġurisdizzjonijiet esteri fejn tali fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi ikunu jinsabu, bl-għan illi dawn ikunu jistgħu jiġu restitwiti lill-Istat tal-Libja, u dan skont il-Liġi 87 tal-1971, permezz ta' liema il-Kap tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni huwa awtorizzat jaġixxi f'isem l-Istat tal-Libja fi kwalsiasi litigazzjoni ta' natura ċivili li tkun tikkonċerna l-Istat tal-Libja, u dan kemm ġewwa l-Libja, u kif ukoll barra mil-Libja;*

4. *Illi, l-konvenut Mutassim[1] Gaddafi okkupa l-kariga ta' Uffiċjal fl-Armata Libjana u dik ta' Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali mis-sena elfejn u tmienja (2008) sas-sena elfejn u ħdax (2011); huwa kien ir-raba' iben tal-ex mexxej Libjan, il-mejjet Muammar Gaddafi, u membru taċ-ċirku ġewwieni ta' missieru; fatt li huwa rikonoxxut minn Nazzjonijiet Uniti tramite Riżoluzzjoni Numru 1970 tas-sena elfejn u ħdax (2011) li ġiet addottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fis-26 ta' Frar, 2011, liema risoluzzjoni saret tifforma parti mil-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Avviż Legali 69 tal-2011;*

5. *Illi s-soċjetà konvenuta, Capital Resources Ltd., hija kumpannija reġistrata Malta bħala soċjetà b'membru wieħed, bl-azzjonist uniku tagħha persuna ta' nazzjonalità Libjana bl-isem ta' Muatasmbllah Muammar Abuminyar li fil-fatt huwa Mutassim Gaddafi;*

6. *Illi jirriżulta li l-konvenut Mutassim Gaddafi kellu diversi karti ta' kreditu maħruġa minn jew tramite Bank of Valletta p.l.c.;*

7. *Illi l-konvenut Mutassim Gaddafi miet fl-għoxrin (20) t'Ottubru, elfejn u ħdax (2011) f'Misrata ġewwa l-Libja (vide d-dokument anness u mmarkat SOL 1[2]);*

8. *Illi, l-konvenut Mutassim Gaddafi, tul il-karriera professjonali tiegħu u ċjoé mill-2008 sa l-2011, kien jokkupa l-kariga ta' Uffiċjal tal-Armata Libjana u dik ta' Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali, għal liema karigi kien uffiċjalment jitħallas is-somma ta' erbgħa u sittin elf u tmin mitt Dinar (LYD 64,800) kull sena li huma ekwivalenti għal sebgħa u tletin elf u ħames mitt euro (€37,500), u dan ai termini tal-Artikolu 49 tal-Liġi Marzjali Numru 40 tal-1974, tal-Liġijiet tal-Istat tal-Libja;*

9. *Illi, minn informazzjoni miġbura mill-Avukat Ġenerali tal-Istat tal-Libja tramite l-MLATs surriferiti, jidher biċ-ċar illi s-soċjetà konvenuta żammet assi ferm aktar mill-ammonti li setgħu qatt ikunu leġittimament gwadanjati mill-konvenut Mutassim Gaddafi, u allura bi ksur tal-Artikolu 54 tal-Liġi Marzjali Numru 40 tal-1974, tal-Liġijiet tal-Istat tal-Libja, liema Artikolu tal-Liġi jipprojbixxi uffiċjali tal-Armata Libjana minn 'engaging in any business activities';*

10. *Illi, ai termini tal-Artikolu 1 tal-Liġi Numru 3 tal-1970 tal-Liġijiet tal-Istat tal-Libja, l-uffiċjali kollha tal-Forzi Armati huma meħtieġa li jiddikjaraw l-assi tagħhom, u tali '...disclosure shall show his movable and immovable assets and mainly the stocks, bonds, shares and deposits at the banks, insurance policies, moneys, and precious stones and metals, and those of his spouse and minor*

[1] Fl-okkju tal-kawża l-attur jagħmel riferiment għal Mutassam Gaddafi, mentri fil-premessi tar-Rikors Maħluf l-attur jagħmel riferiment għal Mutassim Gaddafi.
[2] Bl-Għarbi *a fol.* 8, u tradott bl-Ingliż *a fol.* 7.

*children as well as his and their financial obligations at the aforementioned date'. Inoltre l-Artikolu 4 tal-istess liġi jgħid illi kwalsiasi tkabbir fl-assi finanzjarji iddikjarati ai termini tal-Artikolu 1, liema tkabbir ma jkunx kompatibbli mas-sorsi finanzarji tad-dikjarant, jew jekk id-dikjarant ma jirnexxilux jipprova s-sors ta' tali tkabbir, jew jekk ikun ippruvat illi tali tkabbir sar b'mod abbużiv, direttament jew indirettament, tramite l-pożizzjoni, professjoni, servizz jew stat tad-dikjarant, tali tkabbir għandu jitqies bħala tkabbir illeċitu;*

11. *Illi l-konvenut Mutassim Gaddafi, naqas milli jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet kif rikjesti ai termini tal-Liġi Numru 3 tal-1970 tal-Liġijiet ta l-Istat tal-Libja;*

12. *Illi ai termini tal-Liġi Marzjali 40 tal-1974, l-uffiċjali kollha tal-Forzi Armati Libjani ma jistgħux iżommu investimenti ta' kwalsiasi tip tul l-impjieg tagħhom fl-istess korp;*

13. *Illi l-assi miżmuma mis-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma jirriflettu l-livell ta' dħul li seta' jiġi iggwadanjat b'mod leġittimu mill-konvenut Mutassim Gaddafi, u fi kwalsiasi każ, l-ishma miżmuma mill-konvenut Gaddafi fis-soċjetà konvenuta kienu miżmuma abbużivament u bi ksur tal-Liġi Marzjali 40 tal-1974;*

14. *Illi ai termini tal-Liġi Numru 3 tal-1970, l-Istat tal-Libja għandu d-dritt jitlob għar-restituzzjoni ta' tali fondi, assi finanzjarji oħrajn u riżorsi ekonomiċi ottenuti b'mod abbużiv kontra l-interessi tal-Istat tal-Libja jew miżmuma abbużivament minn uffiċjali li huma projbijti milli jżommu tali assi;*

15. *Illi jirriżulta illi l-assi li kienu miżmuma minn Mutassim Gaddafi f'Malta, kienu miżmuma bi ksur tal-Liġijiet tal-Istat tal-Libja;*

16. *Illi abbużi simili minn membri oħra taċ-ċirku ġewwieni tar-reġim ta' Gaddafi diġà ġew rikonoxxuti ġudizzjarjament minn qrati ta' ġurisdizzjonijiet differenti, fejn il-qrati irrikonoxxew illi r-reġim ta' Gaddafi u l-membri taċ-ċirku ġewwieni tal-istess kienu qed iżommu assi appartenenti lill-Istat tal-Libja bħala trust u illi tali assi kellhom jiġu restitwiti lill-Istat tal-Libja [vide d-dokument anness u mmarkat SOL 2[3]];*

17. *Illi s-soċjetà intimata hija reġistrata ġewwa Malta u żżomm assi unikament u b'mod esklussiv ġewwa Malta, u għalhekk l-attur kellu jistitwixxi dawn il-proċeduri fil-konfront tal-konvenuti f'Malta ai termini tal-Artikolu 742(1)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

[3] *A fol.* 9 sa 21, deċiżjoni tal-High Court of Justice, Queen's Bench Division, Commercial Court ta' Londra, ir-Renju Unit datata 09.03.2012 fl-ismijiet **The State of Libya *vs.* Capitana Seas Limited**.

1. *Previa kwalsiasi dikjarazzjoni oħra li talvolta tista' tkun meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lill-intimat Mutassam Gaddafi sive Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi sive Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi, sive Dr. Muatasimballah Abumi, f'ismu jew f'isem terzi, u li jinsabu f'Malta, kienu miżmuma bi ksur tal-obbligazzjonijiet imposti fuq l-istess intimat mil-Liġijiet tal-Istat tal-Libja u konsegwentement huma suġġetti għar-restituzzjoni lill-Istat tal-Libja;*

2. *Tordna r-restituzzjoni tal-assi li kienu miżmuma mill-intimat Mutassam Gaddafi sive Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi sive Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi, sive Dr. Muatasimballah Abumi, f'ismu jew f'isem terzi, u li jinsabu f'Malta, lill-Istat tal-Libja;*

3. *Tordna u tawtorizza t-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà intimata Capital Resources Limited (C 50047) mid-detenturi attwali a favur ta' rappreżentant tal-Istat tal-Libja;*

4. *Tinnomina kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi, u jidher fuq kwalsiasi ftehim rilevanti, dokumentazzjoni uffiċjali u/jew formoli uffiċjali biex jirrappreżenta kwalsiasi parti li tista' tkun assenti kull fejn jirrigwarda materji relatati mat-trasferiment tal-ishma tas-soċjetà intimata;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif diversament preseduta tad-9 ta' Ottubru, 2014 fejn l-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut ġew maħtura bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tad-defunt Mutassam Gaddafi peress li ħadd ma deher biex jaċċetta l-kurazija wara l-ħruġ tal-bandi.

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Simon Micallef Stafrace** u **l-P.L. Peter Paul Sammut** bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-konvenuti eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti eredi") li ġiet ippreżentata fl-29 ta' Ottubru, 2014, li biha wieġbu:

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat l-ittra datata 30 ta' Ottubru, 2014 mibgħuta mill-avukat Shaheryar Ghaznavi, bl-informazzjoni mitluba mill-kuraturi deputati dwar l-eredi tal-imsemmi Mutassam Gaddafi[4], li tgħid:

*"From information available kindly note the following point:*

- *i.* *Libyan inheritance law is based on Sharia Law, and thus in the case of the demise of a bachelor, which bachelor passes away intestate, the heirs are his parents and siblings if any;*
- *ii.* *In the case of Mutassam Gaddafi, he is survived by his mother and five siblings;*
- *iii.* *According to Libyan Law his mother Saifa Ferkash receives 1/6 of the estate, the remaining 5/6 is to be apportioned between Saif Al-Islam, Al-Saadi Gaddafi, Mohammed Gaddafi, Hannibal Gaddafi and Ayesha Gaddafi;*
- *iv.* *Kindly note that the apportionment between the siblings is in the proportion of 2:1 in favour of the male sibling;*
- *v.* *With regards to the whereabouts of these individuals, kindly note that they are all wanted by the Libyan Government Authorities and by Interpol too;*
- *vi.* *The location of these individuals can only be speculated upon, based on various press reports claiming that they were sighted in different locations, accordingly we can state that Saifa Farash was last sighted in Algeria/Egypt, Saif Al-Islam and Al-Saadi Gaddafi are under arrest in Libya awaiting trial, Mohammed Gaddafi's whereabouts are unknown, Hannibal Gaddafi is in Oman and Ayesha Gaddafi is allegedly in the company of her mother in Algeria or Egypt.*

[4] Ara *a fol.* 79 u *a fol.* 90.

*I invite you to visit the official site of the Interpol to verify that the above individuals are all being sought for various crimes."*[5]

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Frar, 2015 fejn awtorizzat lill-Avukat Charilos Oikonomopoulos biex jassumi l-atti għan-nom ta' Safiya Ferkash Mohammed, omm id-defunt Mutassam Gaddafi u waħda mill-eredi preżunti tiegħu u limitatament safejn kienu qegħdin jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmija Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, il-ħatra tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut ġiet revokata *contrario imperio*. Permezz tal-istess digriet il-Qorti ordnat ukoll il-ħruġ tas-soliti bandi biex jiġu appuntanti kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà konvenuta Capital Resources Limited stante li irriżulta li l-uniku rappreżentant ġudizzjarju tal-istess soċjetà kien l-imsemmi Mutassam Gaddafi, illum mejjet,[6] li kien ukoll l-uniku direttur, segretarju u *shareholder* tal-imsemmija soċjetà.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**avukat Charilos Oikonomopoulos** bħala mandatarju speċjali tal-konvenuta **Safiya Ferkash Mohammed** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Safiya Ferkash Mohammed"), li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Marzu, 2015 u li tgħid:

*By way of preliminary pleas:*

*(1) In the first instance, this Honourable Court does not have jurisdiction to hear and decide the cause in terms of the provisions of Article 742 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of*

[5] L-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* fir-rikors tiegħu tat-8 ta' Jannar, 2015 (*a fol.* 102 sa 104) jgħid li Mutassam Gaddafi kien miżżewweġ u f'dan il-kuntest ippreżenta ittra tal-Imam Mohammed Elsadi tal-*Malta Branch* tal-*Islamic Centre (a fol.* 105 u 191), li tgħid li jekk Musulman iħalli warajh mara u iben, skont il-Liġi Islamika, l-omm tiret 1/6, l-mara 1/8 u t-tifel tiegħu jiret l-kumplament u ħutu ma jirtu xejn.

[6] Il-*Memorandum* u l-*Articles of Association* tas-soċjetà Capital Resources Limited *a fol.* 109 sa 114 u informazzjoni oħra dwar l-imsemmija soċjetà miksuba mill-*website* tal-MFSA *a fol.* 106 sa 108.

*Malta) since the cause of action as postulated by the claimant against the defendant does not fall within any of the heads of jurisdiction as contemplated in Article 742 of the Code of Oraganisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) which determines on which basis this Court can seize judisdiction;*

*(2) In the second instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to this Honourable Court that the mandate by the 'State of Libya', has been validly and legitimately granted in favour of Dr. Shaheryar Ghaznavi (Identity number 219698M) and that the latter has been duly authorised to represent the plaintiff, the 'State of Libya', in these proceedings;*

*(3) In the third instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to the Honourable Court that the present action is being pursued by the governmental authorities representing the 'State of Libya', then additional proof must be provided with regards to the fact that the claimant, at all relevant times, enjoyed the status of a 'State' at international law level and in the absence of such satisfactory proof the defendant should be declared non-suited as a party to these proceedings;*

*(4) In the fourth instance and also preliminarily, and without prejudice to the above, the onus is on the claimant to produce proof of the Laws of Libya which are being invoked in these proceedings. Given the vagueness in which the sworn application has been drafted, the defendant reserves his right to put forward further pleas on the applicable law, including producing evidence on the applicable law of Libya and any military regulations;*

*(5) In the fifth instance and also preliminarily and subordinately to the above, the action as presented by the court application in question is time-barred in accordance to Article 2153 of Chapter 16 (Civil Code) of the Laws of Malta as Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr Muatasimballah Abumi was shot on the 20th of October 2011 as certified in the death certificate presented by the plaintiff together with the court application;*

*On the merits:*

*(6) That subordinately to the above and as shall be amply proved throughout the proceedings, it is manifestly untrue and unfounded on*

*both fact and law that Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr Muatasimballah Abumi engaged in any illegal business activity under Libyan Law or any other applicable law which rendered 'movable and immovable assets' of whatever nature and which were gained abusively, directly or indirectly through his position, profession, service or status as a Libyan Army Officer and National Security Advisor. Any allegation of abuse and wrongdoing is categorically denied;*

*(7) That for all intents and purposes, it is being observed that the Mutual Legal Assistance Treaties on Criminal Matters (MLAT) specifically between Malta and Libya with the purpose of gathering and exchanging information and identifying funds, financial assets and economic resources has not yet been enacted and does not form part of the Laws of Malta;*

*(8) That the defendant is aware of the judgment, a copy of which has been filed by the plaintiff, delivered by the High Court of Justice (Commercial Court)(2012) dated 9th March 2012 in the names of the State of Libya and Capitana Seas and makes reference to the fact that the defendant in this case is not Saadi Qadhafi (still living) and the merits of the case in question do not relate to immovable property situated in London. Therefore it is being stated that reference to the above-mentioned case is completely irrelevant and is simply a mere attempt to influence the court with unrelated information involving the deceased's siblings;*

*(9) That all and any allegations made by the plaintiff as duly represented must be proved in the matter required by law;*

*(10) That independently of the above, the claims put forward by the claimant are unfounded in fact and at law.*

*(11) Save additional and ulterior pleas according to law.*

*Therefore the defendant requests, with respect, that this Honourable Court rejects the pleas submitted by the above mentioned application, with costs against the plaintiff.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, wara li l-avukat Charilos Oikonomopoulos aċċetta il-bandu biex jidher f'isem u fl-interess tas-soċjetà Capital Resources Limited,

fejn ikkonfermat lill-avukat Charilos Oikonomopoulos bħala kuratur deputat għall-imsemmija soċjetà konvenuta.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-avukat Charilos Oikonomopoulos bħala kuratur deputat għas-soċjetà konvenuta **Capital Resources Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Marzu, 2015 u li tgħid:

*By way of preliminary pleas:*

(1) *In the first instance, this Honourable Court does not have jurisdiction to hear and decide the cause in terms of the provisions of Article 742 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) since the cause of action as postulated by the claimant against the defendant does not fall within any of the heads of jurisdiction as contemplated in Article 742 of the Code of Oraganisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) which determines on which basis this Court can seize judisdiction;*

(2) *In the second instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to this Honourable Court that the mandate by the 'State of Libya', has been validly and legitimately granted in favour of Dr. Shaheryar Ghaznavi (Identity number 219698M) and that the latter has been duly authorised to represent the plaintiff, the 'State of Libya', in these proceedings;*

(3) *In the third instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to the Honourable Court that the present action is being pursued by the legitimate governmental authorities representing the 'State of Libya', as duly recognized in accordance with International Law, then additional proof must be provided with regards to the fact that the claimant, at all relevant times, enjoyed the status of a 'State' at international law level and in the absence of such satisfactory proof the defendant should be declared non-suited as a party to these proceedings;*

(4) *In the fourth instance and also preliminarily, and without prejudice to the above, the onus is on the claimant to produce proof of the Laws of Libya which are being invoked in these proceedings. Given the vagueness in which the sworn application has been drafted, the defendant reserves his right to*

*put forward further pleas on the applicable law, including producing evidence on the applicable law of Libya and any military regulations;*

*(5) In the fifth instance and also preliminarily and subordinately to the above, the action as presented by the court application in question is time-barred in accordance to Article 2153 of Chapter 16 (Civil Code) of the Laws of Malta as Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr Muatasimballah Abumi was shot on the 20th of October 2011 as certified in the death certificate presented by the plaintiff together with the court application;*

*On the merits:*

*(6) That subordinately to the above and as shall be amply proved throughout the proceedings, it is manifestly untrue and unfounded on both fact and law that Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr Muatasimballah Abumi and/or Capital Resources Ltd. engaged in any illegal business activity under Libyan Law or any other applicable law which rendered 'movable and immovable assets' of whatever nature and which were gained abusively, directly or indirectly through his position, profession, service or status as a Libyan Army Officer and National Security Advisor. Any allegation of abuse and wrongdoing is categorically denied;*

*(7) That for all intents and purposes, it is being observed that the Mutual Legal Assistance Treaties on Criminal Matters (MLAT) specifically between Malta and Libya with the purpose of gathering and exchanging information and identifying funds, financial assets and economic resources has not yet been enacted and does not form part of the Laws of Malta;*

*(8) That the defendant is aware of the judgment, a copy of which has been filed by the plaintiff, delivered by the High Court of Justice (Commercial Court)(2012) dated 9th March 2012 in the names of the State of Libya and Capitana Seas and makes reference to the fact that the defendant in this case is not Saadi Qadhafi (still living) and the merits of the case in question do not relate to immovable property situated in London. Therefore it is being stated that reference to the above-mentioned case is completely irrelevant and is simply a mere attempt to influence the court with unrelated information involving the deceased's siblings;*

(9) *That all and any allegations made by the plaintiff as duly represented must be proved in the matter required by law;*

(10) *That independently of the above, the claims put forward by the claimant are unfounded in fact and at law.*

(11) *Save additional and ulterior pleas according to law.*

*Therefore the defendant requests, with respect, that this Honourable Court rejects the pleas submitted by the above mentioned application, with costs against the plaintiff.*

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ta' Malta ppreżentata fit-23 ta' Jannar, 2015, fejn inġiebet għall-attenzjoni tal-Qorti l-komunika li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta kien irċieva mill-*United Nations Panel of Experts on Libya*, li ġie kkostitwit *ai termini* tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1973 (2011), liema riżoluzzjoni ġiet estiża bir-Riżoluzzjoni 2144 (2014). Dan il-*Panel of Experts* li ġie mogħti l-inkarigu bir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2144 (2014) u 2146 (2014) biex jassisti lis-*Security Council's Libya Sanctions Committee* fit-twettiq tal-mandat tiegħu, informa lill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta li:

*"property under claim, the company and assets known as Capital Resources Ltd., wholly owned by Muatassim Qadhafi, and any other assets belonging to him, should remain frozen in accordance with the asset freeze measure. Likewise assets owned or controlled by Mrs. Mohammed/Al-Barassi should be frozen in accordance with the said measure."*[7]

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April, 2015 fejn il-partijiet qablu li qabel kull ħaġa oħra għandhom jiġu ttratti l-ewwel tliet eċċezzjonijiet prelliminari

---

[7] *A fol.* 183.

tal-konvenuta Safiya Ferkash Mohammed u tas-soċjetà konvenuta u għalhekk ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u tal-konvenuta Safiya Ferkash Mohammed u tas-soċjetà konvenuta dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tagħhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Safiya Ferkash Mohammed u tas-soċjetà konvenuta.

**<u>Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet</u>**

Fir-Rikors Maħluf jingħad illi l-Gvern tal-Istat tal-Libja ta s-setgħa lill-Kap tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja sabiex ikun jista' jistitwixxi dawk il-proċeduri legali meħtieġa f'ġurisdizzjonijiet esteri fejn jinsabu fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li kienu ġew miksuba abbużivament jew li kienu qegħdin jiġu miżmuma abbużivament minn persuni li kienu assoċjati

direttament jew indirettament mat-tmexxija tal-ex-reġim Libjan, bl-għan illi dawn l-assi jkunu jistgħu jiġu restitwiti lill-Istat tal-Libja. Il-kawża odjerna ġiet istitwita kontra l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi sive Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi sive Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi, sive Dr. Muatasimballah Abumi (minn issa 'il quddiem 'Mutassam Gaddafi'), illum mejjet, u kontra s-soċjetà konvenuta Capital Resources Limited (C 50047), fejn l-Istat tal-Libja qiegħed jitlob illi: (i) jiġi iddikjarat li l-fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil Mutassam Gaddafi, f'ismu jew f'isem terzi, u li jinsabu f'Malta, kienu miżmuma bi ksur tal-obbligazzjonijiet imposti fuq l-istess Mutassam Gaddafi mil-liġijiet tal-Istat tal-Libja u konsegwentement huma suġġetti għar-restituzzjoni lill-Istat tal-Libja; (ii) tiġi ordnata ir-restituzzjoni lill-Istat tal-Libja tal-assi li kienu miżmuma minn Mutassam Gaddafi f'ismu jew f'isem terzi u li jinsabu f'Malta; (iii) tingħata ordni li tawtorizza t-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà konvenuta Capital Resources Limited mid-detenturi attwali a favur tal-Istat tal-Libja.

Din is-sentenza qiegħda tingħata limitatament fir-rigward tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari imressqa mill-konvenuta Safiya Ferkash Mohammed u mis-soċjetà konvenuta, li eċċepew (1) in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jisimgħu u jiddeċiedu din il-kawża għax bil-mod kif ġiet ippostulata din il-kawża, din ma tinkwadra ruħha taħt l-ebda wieħed mis-subiniċiżi tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 li jirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawża odjerna; (2) li jrid jiġi ippruvat li l-prokura speċjali mogħtija lill-avukat Shaheryar Ghaznavi mill-Istat tal-Libja kienet validament mogħtija lilu u li l-avukat Shaheryar Ghaznavi kien debitament awtorizzat biex jirrappreżenta lill-Istat tal-Libja fil-kawża odjerna u (3) li l-istess avukat

Shaheryar Ghaznavi jrid jipprova li din il-kawża ġiet istitwita mill-Gvern leġittimu li qed jirrappreżenta lill-Istat tal-Libja kif rikonoxxut internazzjonalment u li f'kull żmien rilevanti dan kellu l-istatus ta' Stat skont id-dritt internazzjonali.

**Provi u riżultanzi**

It-testimonjanza ta' diversi xhieda f'dawn il-proċeduri ngħatat bl-ilsien Ingliż wara digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2015, fejn ġie ordnat li dawn il-proċeduri kellhom isiru bl-ilsien Ingliż limitatament biss għall-għoti u ġbir tax-xhieda, ħlief għal dawk ix-xhieda li ma jafux jew ma jħossuhomx komdi jixhdu bl-Ingliż.

**L-avukat Dr Shaheryar Ghaznavi** meta xehed in subizzjoni[8] esebixxa kopja tal-prokura speċjali mogħtija lilu mid-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja.[9] Dwar l-istatus u l-awtorità li għandu d-Dipartiment tal-Litigazzjoni fl-Istat tal-Libja, ix-xhud jispjega li skont il-Kostituzzjoni tal-Libja hemm Avukat Ġenerali wieħed u dan għadu hekk sal-lum. Id-doveri tal-Avukat Ġenerali huma maqsumin fi tnejn, dawk tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jassumi responsabbilità għall-kawżi kriminali u dawk tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni li huwa responsabbli mill-kawżi ċivili. Fi ħdan dan id-dipartiment hemm sezzjoni li tieħu ħsieb kawżi barra mil-Libja li jinvolvu lill-Istat tal-Libja. Dr Ghaznavi qal li fi żmien li kien qiegħed jixhed kien hemm żewġ gvernijiet fil-Libja, wieħed

[8] *A fol.* 214 sa 216 u 230 u 231.
[9] *Letter of authorisation* iffirmata minn Fathalla Awad Ben Khayal, *Head of the Department of Litigation, State of Libya* datata 17.08.2014, *a fol.* 217.

f'Tobruk u l-ieħor fi Tripli, bit-tnejn li huma jikkontendu li jirrappreżentaw lill-Istat tal-Libja. Però x-xhud jgħid li jaf bħala fatt li t-tnejn li huma qablu bejniethom li għandu jibqa' Avukat Ġenerali wieħed u Dipartiment tal-Litigazzjoni wieħed. Dr Ghaznavi sostna li huwa qed jidher għal dak il-Gvern tal-Libja li hu rikonoxxut minn Malta u min-Nazzjonijiet Uniti u l-Avukat Ġenerali tal-Libja hu dak rikonoxxut mill-Avukat Generali ta' Malta. Ix-xhud ikkonferma li kien preżenti meta saret il-prokura speċjali li ġiet mogħtija lilu u li din kienet saret fl-Ambaxxata Libjana f'Ħal Balzan.

L-**avukat Charilos Oikonomopoulos** xehed[10] li meta ġiet istitwita din il-kawża, Safiya Ferkash Mohammed, omm Mutassam Gaddafi, li hi ta' nazzjonalità Libjana, kienet tinsab l-Oman u wara fl-2015, kienet marret l-Eġittu u għadha l-Kajr sal-lum. Ix-xhud jgħid li minn diskussjonijiet li kellu ma' Safiya Ferkash Mohammed, irriżulta li din ma kellha ebda konnessjoni ma' Malta, ma għandhiex proprjetà f'Malta u qatt ma ġiet Malta. Rigward Lisa Van Goiange, l-armla ta' Mutassam Gaddafi li hi ta' nazzjonalità Olandiża u t-tifel tagħhom li ma kienx jaf x'jismu, dawn qatt ma kellhom konnessjoni ma' Malta, għad illi Lisa Van Goiange kienet ġiet xi drabi Malta meta akkumpanjat lil żewġha Mutassam Gaddafi.

L-avukat Charilos Oikonomopoulos ippreżenta kopja tal-*United Nations Security Council Report* datat 9 ta' Marzu, 2016[11] mingħajr ma spjega għal liema parti tad-dokument ried jagħmel riferiment u għal liema skop ippreżentah. L-avukat Oikonomopoulos ippreżenta wkoll opinjoni legali li ngħatat fuq talba tiegħu mid-dipartiment legali tal-*European Public Law*

---

[10] *A fol.* 218 sa 222.
[11] *A fol.* 292 sa 401.

*Organization* f'Ateni u b'*covering letter* datata 30 ta' Mejju, 2016.[12] Din l-opinjoni legali tittratta dwar is-sitwazzjoni fil-Libja wara l-elezzjoni ta' Ġunju 2014 u tikkonkludi li għar-rigward tad-domanda tal-avukat Oikonomopoulos dwar min hu l-Gvern leġittimu tal-Libja, jingħad li filwaqt li l-Gvern ibbażat fi Tripli hu l-Gvern *de facto* għax għandu kontroll tal-parti tal-Punent tal-pajjiż, dan ma kienx elett demokratikament u m'għandux rikonoxximent internazzjonali. Il-Gvern ibbażat f'Tobruk hu il-Gvern *de jure* għax kien ġie elett demokratikament, għalkemm it-*turn-out* fl-elezzjoni kienet biss ta' 18%, u ġie rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti u mill-komunità internazzjonali u għandu jiġi kkunsidrat bħala l-uniku Gvern leġittimu tal-Istat tal-Libja.

Xehed ukoll **Pierre Mallia**,[13] Direttur tal-Protokoll u Servizzi Konsolari fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, li spjega li l-Gvern Malti jirrikonoxxi uffiċjalment il-Gvern Libjan rikonoxxut mill-komunità internazzjonali, jiġifieri dak ibbażat f'Tobruk u rappreżentat hawn Malta minn El-Habib Alamein, *Charge d'Affaires* Libjan, li għandu l-ambaxxata f'Ta' Xbiex. Dan ir-rikonoxximent uffiċjali ngħata mill-Gvern Malti f'Diċembru 2014 kemm ilu hawn Malta El-Habib Alamein. Ix-xhud qal li f'Ħal Balzan hemm proprjetà tal-Libja, però min jokkupa din il-proprjetà l-Gvern ta' Malta ma jagħrfux bħala li jirrappreżenta l-Gvern leġittimu tal-Libja.

In kontroeżami, Pierre Mallia qal li kien ilu fil-kariga tiegħu minn Diċembru, 2014 u obbliga ruħu li jagħmel verifiki dwar jekk kinux ġew legalizzati xi dokumenti qabel ma ngħata din il-ħatra, li kienu jawtorrizzaw lill-avukat Shaheryar Ghaznavi jistitwixxi din il-kawża u jekk kienx hemm istanzi fejn il-

[12] *A fol.* 402 sa 425. Kopja legalizzata *a fol.* 433 sa 449.
[13] *A fol.* 226 sa 229 u 251 u 252, inkluż il-kontroeżami relattiv.

Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta kien ġie infurmat minn xi Gvern barrani li ser jintavola kawża f'Malta. Però meta reġa' xehed Pierre Mallia, dan informa lill-Qorti li ma kienx għadu jaħdem mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u identifika lil James Farrugia bħala l-Aġent Direttur tal-Protokol u Servizzi Konsolari fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.

**James Farrugia** xehed[14] li huwa Aġent Direttur tal-Protokoll fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta. Mistoqsi jekk kinux ġew legalizzati mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin xi dokumenti in konnessjoni mal-istituzzjoni tal-kawża odjerna, ix-xhud qal li huma ma jidħlux fil-kontenut tad-dokumenti li jiġu legalizzati minnhom. Ix-xhud jgħid li jekk Gvern barrani rikonoxxut mill-Gvern Malti jkun ser jistitwixxi kawża hawn Malta anki kontra individwu jew kumpannija hawn Malta, skont il-Vienna *Convention* dan ikollu jinnotifika b'dan lill-Ambaxxata ta' Malta ta' dak il-pajjiż u din tinforma lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta. James Farrugia xehed li ma kienx hemm tali notifika diplomatika rigward il-kawża odjerna. Mitlub jiċċita l-artikolu rilevanti tal-Konvenzjoni għar-rigward tal-imsemmi rekwiżit tan-notifika diplomatika, meta reġa' xehed James Farrugia ippreżenta żewġ dokumenti, li kienu però l-*Outline* tal-*Hague Service Convention* tal-15 ta' Novembru, 1965 *on the Service Abroad of Judicial and Extrajudicial Documents in Civil or Commercial Matters* u l-Konvenzjoni innifisha.[15] Ix-xhud ippreżenta wkoll *e-mail* mibgħuta lix-xhud minn ċerta Margot Ann Bajada[16], li tgħid li l-Qrati ta' Malta irid jkollhom ġurisdizzjoni fuq l-konvenut u mhux fuq l-attur u li jekk Stat barrani jiftaħ kawża hawn Malta *"the normal modes of service at Maltese Law apply."*

[14] *A fol.* 257 sa 263 u 269 sa 273, inkluż il-kontroeżamijiet relattivi.
[15] Rispettivament *a fol.* 280 sa 285 u 274 sa 279.
[16] *A fol.* 286.

In kontroeżami, ix-xhud qal li ma sab l-ebda dokumentazzjoni fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin dwar il-kawża odjerna, però spjega li hu kien ilu biss minn Ottubru fil-kariga ta' Aġent Direttur u d-direttur ta' qabel seta' jirrispondi għal dak li seħħ qabel. L-avukat Shaheryar Ghaznavi għalhekk ġustament staqsa lix-xhud "x'jiġri kieku jmut dak id-direttur ta' qabel, jintilef kollox?" James Farrugia wieġeb li ma setax jippreżenta dokumenti li hu ma kellux. Però qal illi mill-aħħar xhieda li kien ta, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta kien irċieva komunikazzjoni mill-Ambaxxata Libjana dwar kawża fejn jissemma Dr Shaheryar Ghaznavi u dik in-*note verbale* għaddieha lill-Avukat Ġenerali ta' Malta biex jiġi verifikat jekk l-Avukat Ġenerali ta' Malta kienx notifikat biha.

Wara x-xhieda xejn preċiża u pjuttost ingarbuljata tad-Direttur u tal-Aġent Direttur tal-Protokoll u Servizzi Konsolari fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, xehdet ukoll is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin **Fiona Jane Formosa**[17], li spjegat li fir-realtà ma hemm ebda proċedura formali dwar notifika minn Stat barrani lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin qabel jiġu istitwiti proċeduri ġudizzjarji hawn Malta minn Gvern barrani, però jagħmluha aktar bħala att ta' kortesija. Ix-xhud qalet li fil-fatt l-Ambaxxata Libjana rikonoxxuta mill-Gvern Malti infurmathom bħala kortesija li ser tiġi istitwita din il-kawża, però dan kien fil-15 ta' Lulju, 2015.

Xehdet ukoll **l-avukat Dr Amanda Poole**[18] in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, li ppreżentat id-dokumenti reġistrati tas-soċjetà konvenuta[19] inkluż il-*Memorandum* u l-*Articles of Association* tagħha, liema soċjetà ġiet reġistrata f'Malta fit-28 ta' Ġunju, 2010, minn fejn jirriżulta u kif ikkonfermat

[17] *A fol.* 426 u 427.
[18] *A fol.* 450 sa 452.
[19] *A fol.* 453 sa 462.

mill-istess xhud, li Muatasmbllah Muammar Abuminyar hu l-uniku soċju, direttur u *company secretary* tas-soċjetà konvenuta li għalkemm għadha reġistrata sal-lum, ilha mill-2011 ma topera. Qatt ma ġew ippreżentati *audited accounts* tas-soċjetà konvenuta u l-aħħar dokument reġistrat kienet talba għal estensjoni taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-*audited accounts* minħabba li ngħad li disgħin fil-mija tal-operazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta kienu jsiru barra minn Malta.

Xehdet ukoll **Johanna Bartolo**[20], rappreżentanta tal-Bank of Valletta p.l.c. li minn tfitxija li għamlet, irriżultalha li ma kien hemm ebda kontijiet tal-Bank of Valletta fuq isem Muatasmbllah Muammar Abuminyar u l-*aliases* l-oħra tiegħu, però fuq isem is-soċjetà konvenuta f'isem Muatasmbllah Muammar Abuminyar, Mutassam Gaddafi u l-*aliases* l-oħra hemm sitt kontijiet. Kont minnhom kien *business loan account* li nfetaħ fit-12 ta' Awwissu, 2010 u ngħalaq fit-28 ta' Frar, 2011 u m'għandhomx *statement* fuqu. Fuq il-ħames kontijiet l-oħrajn ix-xhud tagħti din l-informazzjoni:

1. Sterling Account li ġie miftuħ fit-28.06.2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' GBP 3,015,992.98,

2. US Dollar Account li ġie miftuħ fit-28.06.2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' $38,750,920.21,

3. € Account li ġie miftuħ fit-28.06.2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' €56,327,144.31,

[20] *A fol.* 464 sa 467.

4. € Account li ġie miftuħ fit-18.06.2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' €122,770.10, li fuqu kien hemm *credit card* Visa Gold, tgħajjat lil Muatasmbllah,

5. € Account li ġie miftuħ fit-18.06.2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' €84,781.98, li fuqu kien hemm *credit card* Visa Platinum, tgħajjat lill-istess persuna.[21]

Xehed ukoll **l-avukat Dr Andrew Azzopardi**[22], uffiċjali fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, li kkonferma li bħala kortesija l-Gvern Libjan kien informa permezz ta' *note verbale* lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin li kien awtorizza lill-avukat Shaheryar Ghaznavi biex jistitwixxi l-kawża preżenti għan-nom tal-Istat Libjan. Ix-xhud jgħid li l-kopja tan-*note verbale* ma kinitx iffirmata, iżda l-importanti kien li din kellha s-siġill uffiċjali. Din in-*note verbale* kienet ġiet mil-Libja *tramite* r-Rappreżentant Permanenti tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti ġewwa New York.

In kontroeżami x-xhud spjega li minħabba l-problemi li hemm fil-Libja, bħala loġistika ta' spiss qed jintuża dan il-mezz ta' komunikazzjoni biex jintbagħtu dokumenti mill-Gvern Libjan u ladarba intużat din il-linja ta' komunikazzjoni *tramite* r-Rappreżentant Permanenti tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, bilfors li din in-*note verbale* kienet ġejja mill-Gvern Libjan rikonoxxut internazzjonalment. Ix-xhud jgħid li r-Rappreżentant Permanenti tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York għandu poteri straordinarji u plenipotenzjarji u dan kien biżżejjed biex jorbot lill-Gvern Libjan. Ix-xhud qal li seta' jgħid x'fiha din in-*note verbale*, imma peress li din kienet korrispondenza

---

[21] L-Istat*ements* ta' dawn il-ħames kontijiet jinsabu rispettivament *a fol.* 468 sa 533, 534 sa 594, 595 sa 600, 601 sa 603, 604 sa 606 u tal-*visa cards a fol.* 607 sa 615 u 616 sa 623.
[22] *A fol.* 631 sa 636, 780, 781 u 788, inkluż il-kontroeżami.

diplomatika bejn iż-żewġ gvernijiet, din kienet privileġġjata u ma setax jesebixxi kopja tagħha. Imma sussegwentement meta reġa' xehed Dr Andrew Azzopardi qal illi l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta kien aċċetta li jesebixxi kopja tal-imsemmija *note verbale* mibgħuta lill-Gvern ta' Malta mill-Gvern Libjan rikonoxxut internazzjonalment, u dan għax kien ġie awtorizzat li jagħmel dan mill-istess Gvern Libjan.[23] Flimkien man-*note verbale* ġiet ippreżentata kopja tal-*Letter of Authorisation* datata 17 ta' Awwissu, 2014 maħruġa minn Fathalla Awad Ben Khayal, *Chairman* tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja[24], fejn Dr Shaheryar Ghaznavi ġie maħtur bħala prokuratur speċjali biex jirrappreżenta lill-Istat tal-Libja quddiem il-Qrati ta' Malta rigward materji relatati mar-restituzzjoni ta' assi miżmuma abbużivament minn terzi persuni, speċifikament imma mhux limitatament għall-assi miżmuma minn Mutassam Gadaffi, Capital Resources Limited (C 50047) u Mezen International Limited (C 29305). Ġiet ippreżentata wkoll kopja tan-*Notice of Confirmation* tal-imsemmija *Letter of Authorisaton,* datata 29 ta' Ġunju, 2015 maħruġa minn Abdul Rhman Mohammed Mustafa Shmela, iċ-*Chairman* sussegwenti tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja, li ikkonferma u rriafferma l-*Letter of Authorisation* tas-17 ta' Awwissu, 2014. Flimkien mal-imsemmija *note verbale* kien hemm ukoll annessa kopja tad-deċiżjoni nru. 78 tal-2014 tas-*Supreme Council of Judiciary* tal-Istat tal-Libja fejn Mohammed Mustafa Shmela ġie maħtur bħala Chairman tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja.

[23] Fuq talba tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, din in-*note verbale* qed tinżamm issiġillata fil-proċess u għandhom aċċess għaliha biss il-partijiet u l-avukati difensuri tagħhom.
[24] *A fol.* 217.

Xehed ukoll **Neville Aquilina**[25], membru tas-*Sanctions Monitoring Board* fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, li spjega li huma jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Unjoni Ewropea. Ix-xhud jgħid li skont ir-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Numru 1970 tal-2011, Mutassam Gaddafi għad għandu l-assi tiegħu ffriżati sal-lum. Neville Aquilina jgħid li Mutassam Gaddafi għandu assi hawn Malta, li safejn jaf hu huma kontijiet bankarji ta' Capital Resources Limited. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport redatt mill-*Panel of Experts* stabbilit *ai termini* tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Numru 1973 (2011), liema rapport ġie ppreparat *ai termini* tal-paragrafu 14(d) tar-Riżoluzzjoni Numru 2095 (2013).[26] Ix-xhud jgħid li skont il-paragrafu 241 ta' dan ir-rapport, ir-rappreżentant tal-Gvern Libjan li jikkomunika miegħu l-*Panel of Experts* huwa l-*Foreign Litigation Department* fil-Ministeru tal-Ġustizzja Libjan, li l-kap tiegħu huwa Fathallah A. Ben Khayal. Mistoqsi jekk is-*Sanctions Monitoring Board* irċeviex talbiet biex jiġu rilaxxjati assi li jappartjenu lil Mutassam Gaddafi, ix-xhud jgħid li anki li kieku l-Bord irċieva talbiet bħal dawn, l-assi ma kinux jiġu rilaxxjati għax huma iffriżati.[27] Mistoqsi jekk is-sanzjonijiet infushom jikkontemplawx xenarju fejn individwu li jkun soġġett għall-iffriżar tal-assi, jista' jitlob għar-rilaxx ta' ċertu fondi, ix-xhud jikkonferma li hemm artikolu speċifiku dwar dan u li tali talba trid issir lis-*Sanctions Monitoring Board.* Ix-xhud Neville Aquilina jgħid li kienu rċievew talba mingħand l-avukat Dr Louis Cassar Pullicino għan-nom ta' Ganado Advocates sabiex jiġu rilaxxjati fondi ffriżati ta' Capital Resources Limited biex jiġu koperti l-ispejjeż legali tal-klijenti tagħhom in konessjoni mal-kawża odjerna, liema talba kienet ġiet rifjutata mis-*Sanctions Monitoring Board*.

---

[25] *A fol.* 637 sa 642, inkluż il-kontroeżami.
[26] *A fol.* 648 sa 746.
[27] Ara talba *a fol.* 647.

Ta' rilevanza għall-proċeduri odjerni huwa dak li jgħid l-imsemmi rapport tal-*Panel of Experts* li qed jiffoka l-investigazzjonijiet tiegħu fuq l-assi ta' *"listed individuals"* fosthom ta' Mutassam Gaddafi bl-*aliases* tiegħu u ta' Capital Resources Limited. Fil-paragrafi 241 sa 249 tar-rapport[28] jingħad li Stat Membru tan-Nazzjonijiet Uniti kien talab li jingħata gwida mill-*Panel of Experts* wara talba li saret lil dan l-Istat Membru mill-Kap tal-*Asset Recovery Committe* tal-Libja sabiex l-Istat Libjan jingħata lura xi assi ffriżati. Dan ir-rapport ikompli jgħid f'para. 241 li illum dan l-*Asset Recovery Committe* ġie riorganizzat bħala l-*Foreign Litigation Department* taħt iċ-*Chairman* Fathallah A. Ben Khayal[29], bħala parti mill-Ministeru tal-Ġustizzja u taħt ir-responsabbilità tal-Avukat Ġenerali Abdel Qader Gomaa Radwan. Fil-para. 246 tar-rapport jingħad li l-assi ffriżati ta' dawn id-*'designated individuals'* għandhom jibqgħu l-proprjetà personali ta' dawn id-*'designated individuals'* u li kwalunkwe trasferiment lill-Gvern tal-Libja b'riżultat ta' xi eżenzjoni mill-iffriżar tal-assi ikun jammonta għal trasferiment illegali tal-proprjetà. Fil-para. 247 ta' dan ir-rapport jingħad li l-*Panel of Experts:*

> *"is aware that large assets have been unlawfully obtained by certain designated individuals and is working hard within its' mandate to identify where such assets have been hidden so that that they can be properly frozen in accordance with the resolutions. The Panel believes that lawfully owned personal assets do not belong to the Government of Libya unless they can be proved to have been stolen from the Libyan State. The only legal way that this can be achieved is through legal process in a competent court of law. The Panel is very keen to ensure that all assets improperly obtained from Libya by designated individuals are frozen and made available to and for the benefit of the Libyan people, but only by proper legal methods."*

[28] *A fol.* 705 sa 707.
[29] Li kien awtorizza lil Dr Shaheryar Ghaznavi biex jistitwixxi l-kawża odjerna f'isem l-Istat tal-Libja.

Fil-para. 248 tar-rapport jingħad illi hemm żewġ modi kif dan il-proċess legali jista’ jsir u ċjoè billi (i) issir kawża fil-qrati tal-Libja biex jiġi stabbilit jekk it-trasferiment oriġinali tal-assi lill-individwu inkwistjoni kienx wieħed legali jew le. Jekk jirriżulta li t-trasferiment kien wieħed illegali, imbagħad tkun tista’ tinħareġ ordni ta’ konfiska u “an *international letter of request for mutual legal assistance could be transmitted through the proper channels requesting the enforcement of the order”* jew (ii) b’mod aktar realistiku l-awtoritajiet Libjani jistitwixxu kawża fil-qrati tal-Istat Membru ikkonċernat, ċjoè, fejn l-assi ġew iffriżati, simili għall-kawża fl-ismijiet **The State of Libya *vs.* Capitana Seas Limited**[30] deċiża mill-High Court of Justice (Commercial Court) tar-Renju Unit. Ir-rapport ikompli jgħid:

> “*Once it is established that the company and its assets are not lawfully part of the estate of a designated individual, because they were acquired in an illegal manner, they automatically fall outside of the asset freeze measures and ownership can legally be transferred to the Government of Libya.”*

Xehed ukoll **Abdul Rhman Mohammed Shmela**[31], iċ-Chairman/Direttur attwali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja, li spjega l-funzjoni ta’ dan id-Dipartiment li bħala *‘judiciary body’* jidher fil-kawżi kollha imressqa minn jew imressqa kontra l-Istat tal-Libja jew il-Gvern tal-Libja kemm fil-qrati fil-Libja u kemm fi qrati barra l-Libja. Ix-xhud spjega li d-Dipartiment tal-Litigazzjoni huwa indipendenti u jiġi maħtur mis-*Supreme Council of Judiciary* tal-Libja. Ix-xhud isemmi l-liġijiet Libjani li jaqa’ taħthom id-Dipartiment tal-Litigazzjoni u qal li hu ġie maħtur bħala Chairman fl-2014 b’deċiżjoni tas-*Supreme Council* numru 78 tal-2014 u kien issuċċieda lil Fathallah Awad Ben Khayal. Ix-xhud

[30] Din is-sentenza ġiet iċċitata mill-attur fil-premessa 16 tar-Rikors Maħluf.
[31] *A fol.* 748 sa 751.

ikkonferma wkoll il-prokura speċjali mogħtija lil Dr Shaheryar Ghaznavi[32] minn Ben Khayal u esebixxa kopja tal-ħatra tiegħu mis-*Supreme Council* bħala Kap tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni u tar-rikonferma min-naħa tiegħu tal-ħatra ta' Dr Shaheryar Ghaznavi bħala prokuratur speċjali, datata 29 ta' Ġunju, 2015.[33]

Wara d-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Novembru, 2016 dwar l-ammissibilità ta' dokumenti maħruġa minn Gvern barrani bħala prova skont l-artikolu 628 tal-Kap. 12[34], l-avukat Shaheryar Ghaznavi ppreżenta *a fol.* 767 u 768 l-prokura speċjali maħruġa mid-Dipartiment tal-Litigazzjoni fis-17 ta' Awwissu, 2014 u rikonfermata fid-29 ta' Ġunju, 2015, debitament awtentikati u legalizzati minn Ahmed M.A. Lamin mill-Ambaxxata tal-Libja f'Malta u minn Kenneth Burnell, Legalisation Officer fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.

**Ahmed Lamin** xehed[35] li huwa l-konslu fl-Ambaxxata Libjana f'Malta uffiċjalment rikonoxxuta mill-Gvern ta' Malta. Ix-xhud ikkonferma l-prokura speċjali mogħtija mill-Istat tal-Libja lil Dr Shaheryar Ghaznavi.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti qieset it-tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* u tas-soċjetà konvenuta fid-dawl tax-xhieda prodotti u tal-provi mressqa, fl-ordni li ngħataw:

---

[32] *A fol.* 217.

[33] Esebiti rispettivament *a fol.* 753 u 752.

[34] "628. L-atti ta' Gvern barrani, jew ta' dipartiment ta' gvern barrani, jew ta' qrati ta' ġustizzja barranin, jew ta' stabbilimenti barranin, awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod bħad-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan."

[35] *A fol.* 773 sa 775 u 788.

*L-ewwel eċċezzjoni preliminari*

Il-konvenut l-avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante li l-azzjoni odjerna kif ippostulata mill-attur ma tinkwadrax ruħha taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 li jistabbilixxi fuq liema bażi din il-Qorti tista' tirradika l-ġurisdizzjoni tagħha.

Is-subartikolu (1) tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> "**742.** (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:
>
> (a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;
>
> (b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;
>
> **(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta**;[36]
>
> (d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;
>
> (e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew

[36] Enfażi ta' din il-Qorti.

tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;
(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;

(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti."

L-avukat Charilos Oikonompoulos *nomine* bl-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, isostni li ma japplika l-ebda wieħed mis-subinċiżi tal-artikolu 742(1) tal-Kap. 12 li abbażi tiegħu setgħet tiġi radikata l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti rappreżentati mill-avukat Charilos Oikonomopoulos isostnu li għall-finijiet ta' ġurisdizzjoni trid tinżamm distinzjoni netta bejn assi partikolari illi l-Istat Libjan irid jidentifika bħala li kienu tiegħu jew li kienu jappartjenu lilu jew li fuqhom igawdi xi dritt patrimonjali jew reali, u assi oħra li l-konvenuti jew min minnhom setgħu akkumulaw minn attività oħra u liema attività kienet allegatament illeċita stante illi setgħu ġew akkumulati meta l-imsemmi Mutassam Gaddafi kien jokkupa kariga pubblika fl-armata Libjana. Il-konvenut Oikonomopoulos *nomine* jgħid ukoll illi l-azzjoni vantata mill-attur hija azzjoni ta' kreditu naxxenti mill-allegata azzjoni doluża jew b'xi mod abbużiva tad-defunt Mutassam Gaddafi. Il-konvenut Oikonompoulos *nomine* jgħid ukoll illi f'din il-kawża m'hemm l-ebda talba ta' rivendika tal-proprjetà tal-flus li hemm depożitati fil-kontijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. u dawn il-flus huma purament anċillari u semmai utli għall-eventwali eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkonstata li seħħ l-avveniment doluż allegat mill-attur u r-responsabbiltà tal-konvenuti jew min minnhom.

Madankollu l-indaġini fil-mertu li din il-Qorti qiegħda tiġi mitluba tagħmel fil-proċeduri odjerni, hija dwar il-provenjenza allegatament illeċita ta' assi miżmuma f'Malta minn Mutassam Gaddafi f'ismu jew permezz ta' terzi persuni. Fl-eventwalità li jiġi stabbilit fil-mertu illi l-imsemmija assi kienu miżmuma minn Mutassam Gaddafi bi ksur tal-obbligazzjonijiet legali li huwa kellu taħt il-liġi Libjana, il-Qorti qiegħda konsegwentement tiġi mitluba li tordna r-restituzzjoni ta' dawn l-assi lill-Istat tal-Libja. Jekk ikunu milqugħa t-talbiet attriċi fil-mertu, l-assi allegatament miżmuma illegalment minn Mutassam Gaddafi f'ismu jew f'isem terzi bi ksur tal-liġi Libjana, huma skont il-liġi Libjana restitwibbli lill-Istat tal-Libja għax dawn jitqiesu li huma assi tal-Istat tal-Libja. Il-kwistjoni jekk l-imsemmija assi kinux miżmuma minn Mutassam Gaddafi f'ismu jew f'isem terzi bi ksur tal-obbligazzjonijiet imposti fuqu mil-liġijiet tal-Istat tal-Libja u jekk dawn l-assi kinux fil-fatt jappartjenu lill-Istat tal-Libja, huma lkoll kwistjonijiet li għad iridu jiġu mistħarġa u deċiżi fil-mertu. Il-premessi fir-Rikors Maħluf tal-attur huma ċari fejn qiegħed jingħad illi Mutassam Gaddafi bil-paga li kellu bħala uffiċjal tal-Armata Libjana ma setax jakkumula dawk l-assi kollha miżmuma f'ismu jew f'isem terzi hawn Malta u li dawn l-assi ġew akkumalati bi ksur tal-liġijiet militari tal-Istat tal-Libja applikabbli għal uffiċjali tal-Forzi Armati Libjana u/jew b'abbuż tal-pożizzjoni li dan kellu għad-detriment tal-fondi tal-Istat tal-Libja, liema assi ikunu għalhekk restitwibbli lill-Istat tal-Libja. Dawn il-kwistjonijiet għad iridu lkoll jiġu mistħarrġa fil-mertu, inkluża l-kwistjoni ta' x'jgħidu eżattament il-liġijiet applikabbli tal-Istat tal-Libja li ġew invokati mill-attur fir-Rikors Maħluf.

Illi fi kwalunkwe każ dak li qiegħed jitlob l-attur f'din il-kawża hija r-restituzzjoni ta' assi li allegatament kienu jappartjenu *ab initio* lill-Istat tal-

Libja jew li saru jappartjenu lill-Istat Libjan b'effett tal-liġi tal-Libja, li fil-kors tal-kawża odjerna ġew identifikati bħala l-ishma fis-soċjetà konvenuta Capital Resources Limited li kellu id-defunt Mutassam Gaddafi, liema soċjetà konvenuta kienet effettivament inkorporata b'soċju wieħed fil-persuna ta' Mutassam Gaddafi, li kien ukoll id-direttur, segretarju tas-soċjetà u rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjetà konvenuta. Allura dak illi effettivament irid jiġi deċiż fil-mertu minn din il-Qorti huwa jekk l-imsemmija ishma fis-soċjetà konvenuta f'isem Mutassam Gaddafi jappartjenux fir-realtà lill-Istat tal-Libja.

Il-konvenuti jinvokaw diversi sentenzi biex jissufragaw it-teżi tagħhom,[37] liema kawżi però ma kinux jittrattaw talbiet għar-restituzzjoni ta' assi provenjenti minn atti illeċiti jew abbużivi, imma kienu jinvolvu talbiet għall-ħlas ta' kreditu allegatament dovut lill-atturi, liema atturi kienu ppruvaw jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin abbażi ta' depożiti f'kontijiet tal-konvenut/konvenuta f'banek Maltin li kienu jipprovdu l-possibbiltà ta' eżekuzzjoni effettiva għat-talbiet tagħhom.

Imma l-fattispeċi tal-kawża odjerna huma għalkollox differenti minn hekk u l-kawża odjerna strettament mhijiex waħda ta' kreditu, billi kawża ta' kreditu tippresupponi relazzjoni ġuridika bejn partijiet f'kawża abbażi ta' obbligazzjonijiet finanzjarji ta' bejniethom. Il-kawża odjerna għal kuntrarju tittratta l-obbligazzjoni li allegatament kellu d-defunt Mutassam Gaddafi naxxenti mil-liġi marzjali Libjana, ossija d-dritt pubbliku Libjan, li ma kellux jinvolvi ruħu f'attivitajiet kummerċjali sakemm jibqa' membru tal-Armata Libjana. Inoltre l-assi li l-Istat tal-Libja attur jallega li jappartjenu lilu, kif *caso*

[37] **Salvatore Liberto *vs.* Dr. Edward Amato *et***, Q.A., 26.06.1921 (Kollez. Vol. XXIV, Pt. I, pġ. 1145) u **Avukat Dottor Philip Manduca *noe vs.* Avukat Dottor Mark Chetcuti *et noe***, Q.Kum., 25.02.1993.

*mai* għad irid jiġi ppruvat fi stadju ulterjuri ta' din il-kawża, huma proprju l-ishma li d-defunt Mutassam Gaddafi kellu fis-soċjetà konvenuta. Mutassam Gaddafi strettament ma kellux depożiti bankarji f'ismu hawn Malta, imma kellu assi finanzjarji f'Malta fil-forma ta' ishma f'soċjetà kummerċjali reġistrata f'Malta, u ċjoè Capital Resources Limited. Fi kwalunke każ id-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna in materja għar-rigward ta' depożiti bankarji bħala l-bażi biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni tal-Qrati tagħna, mhumiex konsistenti u xi minn daqqiet anki konfliġġenti.

Illi s-sentenza fl-ismijiet **Mehmet Sedar Koca *noe vs.* Dr Simon Micallef Stafrace *et noe***[38] stabbiliet fil-prim' istanza u fl-istadju tal-appell li f'każ li l-mertu tal-kawża tkun somma flus li tkun depożitata f'kont bankarju, bħal fil-każ odjern, il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti tiġi stabbilita abbażi tal-artikolu 742(1)(ċ) tal-Kap. 12.[39]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Mark Fenech *noe vs.* Jean Clark**[40] jintqal:

> "Illi l-imsemmi artikolu 742(1)(ċ) jikkonferixxi ġurisdizzjoni fuq din il-Qorti biex tisma' u tiddeċiedi l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna dwar ħwejjeġ li qegħdin u/jew li jinsabu f'Malta … Illi din il-Qorti jidhrilha illi *nonostante* l-elementi fattwali esposti fl-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta (li kien li la l-attur u lanqas il-konvenut ma kienu Maltin) jirriżulta però xorta waħda li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni skont l-imsemmi Artikolu peress li l-kawża titratta dwar ħwejjeġ li jinsabu Malta."

[38] P.A., 12.11.2011 u Q.A. 09.11.12.
[39] Fl-istadju tal-appell id-deċiżjoni tal-ewwel qorti ġiet maqluba però minħabba insuffiċjenza ta' provi.
[40] Q.Kumm., 21.01.1989.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Anne Fenech *noe* vs. Dr Louis Cassar Pullicino *noe***[41] jingħad illi meta s-soċjetà konvenuta tiftaħ kumpannija f'Malta bħalma fil-fatt kien għamel Mutassam Gaddafi:

> "hija awtomatikament poġġiet dik il-kumpannija taħt l-iskrutinju tal-organi kompetenti Maltin, u meta hemm obbligazzjoni li qed tirreferi għall-ishma ta' dik il-kumpannjia, dik l-obbligazzjoni titqies li qed tirreferi għal oġġett preżenti hawn Malta, u kwindi taħt il-kontroll u l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin",

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mehmet Serdar Koca *noe* vs. Dr Simon Micallef Stafrace *noe*** kien intqal mill-qorti tal-prim' istanza:

> "Bl-istess mod, fil-kawża in eżami, meta s-soċjetà konvenuta fetħet il-kontijiet bankarji f'Malta, dawk il-flus, li l-attur *nomine* jallega li huma tal-konvenuti, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Il-fatt illi l-kontendenti huma residenti u domiċiljati barra minn Malta ma jneħħix il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, għax il-flus jew parti minnhom jinsabu f'Malta.
>
> La darba l-flus huma ddepożitati Malta, u l-attur *nomine* jippretendi li dawn huma tiegħu, konsegwentement din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni. Il-flus Malta jinsabu. Ma hemm ebda bżonn, skont l-Artikolu 742(1)(ċ) illi l-partijiet ikollhom preżenza f'Malta jew li huma ċittadini jew domiċiljati Malta jew ta' nazzjonalità Maltija. Kieku wieħed kellu jinterpreta dan l-artikolu kif qed jippretendu li għandu jiġi interpretat il-konvenuti, allura jkun possibbli li wieħed jiddepożita l-flus barra minn pajjiż fejn ma għandu ebda konnessjoni u ebda Qorti ma jkollha ġurisdizzjoni. Dan żgur mhuwiex l-ispirtu ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, anzi l-ispirtu huwa li tirradika l-ġurisdizzjoni fejn il-proprjetà (f'dan il-każ intanġibbli) tmiss mat-territorju Malti."[42]

---

[41] Q.A., 02.07.2010.
[42] Din is-sentenza ġiet ribaltata fl-istadju tal-appell minħabba insuffiċjenza ta' provi.

Tqis illi kif inhuwa magħruf, il-ġurisdizzjoni tal-Qrati tagħna trid tiġi radikata fil-mument tal-ftuħ tal-kawża[43] u trid tiġi bbażata fuq it-talbiet kif dedotti mill-attur/i. Illi proprju fit-tielet talba tiegħu l-attur fil-kawża odjerna qiegħed jitlob illi l-Qorti tordna u tawtorizza t-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà intimata Capital Resources Limited mid-detenturi attwali a favur ta' rappreżentant tal-Istat tal-Libja, u ċjoè t-trasferiment ta' ħwejjeġ li kienu jinsabu hawn Malta fid-data meta nfetħet il-kawża. Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, salv illi fil-mertu irid jiġi ppruvat eventwalment illi l-imsemmija assi effettivament jappartjenu lill-Istat tal-Libja.

*It-tieni eċċezzjoni preliminari*

Fit-tieni lok l-konvenuti rappreżentati mill-avukat Charilos Oikonomopoulos jeċċepixxu wkoll preliminarjament u subordinatament għas-suespost illi l-attur għandu jipprova illi l-Istat tal-Libja validament u leġittimament ta prokura a favur Dr Shaheryar Ghaznavi fejn dan tal-aħħar kien ġie debitament awtorizzat sabiex jirrappreżenta lill-attur, l-Istat tal-Libja fil-proċeduri odjerni.
Mill-provi ppreżentati mill-attur jirriżulta ampjament illi l-avukat Shaheryar Ghaznavi ġie validament u leġittimament mogħti prokura speċjali mid-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja fejn ġie debitament awtorizzat biex jirrappreżenta lill-Istat tal-Libja f'dawn il-proċeduri. L-imsemmija prokura speċjali bħala att ta' Gvern barrani ġiet awtentikata u legalizzata *ai termini* tal-artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta u kif ukoll mill-Konslu Ġenerali fl-Ambaxxata Libjana

[43] **Montanaro Gauci vs. Bickford**, Q.A., 02.06.1969.

f'Malta. L-awtentiċità tal-prokura speċjali mogħtija mid-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat Libjan lill-avukat Shaheryar Ghaznavi ġiet ikkonfermata wkoll bin-*note verbale* mibgħuta *tramite* r-Rappreżentant Permanenti tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York. Il-provi prodotti inkluż il-*Letter of Authorisation* datata 17 ta' Awwissu, 2014 maħruġa minn Fathalla Awad Ben Khayal, Chairman tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja, in-*Notice of Confirmation* tal-imsemmija *Letter of Authorisation* datata 29 ta' Ġunju, 2015 maħruġa minn Abdul Rhman Muhammed Mustafa Shmela, iċ-Chairman sussegwenti tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja, id-deċizjoni numru 78 tal-2014 tas-*Supreme Council of Judiciary* tal-Istat tal-Libja, u n-*note verbale* mibgħuta mir-Rappreżentant Permanenti tal-Istat tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York u r-rapport tal-*Panel of Experts* tan-Nazzjonijiet Uniti[44], ma jħallu ebda dubju li l-imsemmi Dipartiment tal-Litigazzjoni jirrappreżenta lill-Istat Libjan kif rikonoxxut internazzjonalment, fi proċeduri gudizzjarji fi Qrati ġewwa u barra l-Libja u li l-avukat Shaheryar Ghaznavi ġie maħtur bħala prokuratur speċjali biex jidher fil-proċeduri odjerni għan-nom tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja.

Jekk għal xi raġuni fl-2014 kien hemm xi nuqqas fil-formalitajiet rigwardanti din id-dokumentazzjoni minħabba s-sitwazzjoni prekarja li kienet u li għadha teżisti fil-Libja, kwalunkwe nuqqas ta' din ix-xorta ġie eventwalment issanat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-Libja, stante li l-imsemmija atti tal-Gvern Libjan rikonoxxut mill-komunità internazzjonali, illum huma konformi mad-dispożittivi tal-artikolu 628 tal-Kap. 12.

[44] *A fol.* 648 sa 746.

*It-tielet eċċezzjoni preliminari*

Il-konvenut avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jeċċepixxi preliminarjament u subordinatament għas-suespost illi l-attur irid jipprova li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-awtoritajiet governattivi leġittimi li jirrappreżentaw lill-Istat tal-Libja kif debitament rikonoxxuti mill-komunità internazzjonali skont id-dritt internazzjonali u li l-attur kien igawdi f'kull żmien rilevanti dan l-istatus ta' Stat fil-livell tad-dritt internazzjonali.

Tqis illi l-kunsiderazzjonijiet applikabbli għat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenut avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* huma applikabbli wkoll għal din l-eċċezzjoni. Id-dokumentazzjoni li ġiet imressqa bħala prova mill-attur illi d-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja li istitwixxa l-kawża odjerna f'isem l-Istat tal-Libja u li ħatar lill-avukat Shaheryar Ghaznavi bħala prokuratur speċjali tal-istess Dipartiment tal-Litigazzjoni biex jirrappreżentah f'dawn il-proċeduri, ġiet mibgħuta lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, biex tiġi awtentikati u legalizzata *ai termini* tal-artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, *tramite* r-Rappreżentant Permanenti tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York. Il-fatt minnu nnifsu li din id-dokumentazzjoni ġiet imgħoddija *tramite* r-Rappreżentant Permanenti tal-Libja għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, hija prova inkonfutabbli li l-imsemmija dokumentazzjoni ġiet maħruġa mill-Gvern leġittimu tal-Libja rikonoxxut mill-komunità internazzjonali skont id-dritt internazzjonali. Dan apparti li l-imsemmija dokumentazzjoni ġiet awtentikata wkoll mill-Konslu Ġenerali fl-Ambaxxata tal-Istat tal-Libja f'Malta, rikonoxxuta mill-Gvern Malti.

Għalhekk anki t-tielet eċċezzjoni ma tistax tkun milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-avukat Dr Charilos Oikonomopoulos *nomine*.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.